# Il-Ħuttafa

Numru **129**

Lulju - Awwissu 2015

21 sena 1994-2015



**Lhudi**

€2 għal min mhux membru

BirdLife Malta

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



Victor Falzon

Il-**Budakkra tal-Kuruna** (Molly Miller) hija ħuta żgħira tassew ħelwa li tgħix mal-blat tax-xatt f'xiber ilma. Tħobb tistaħba f'toqob b'rasha tittawwal barra. Jekk toffrulha farka ħobż malajr tiġi tinvestiga!

editorjal

# Ħbieb Ħuttaf...

Kull meta jbejtulna l-Fras-servjenti (paġna 3) niftakar f'raġel Ingliż xagħru bajda u bin-nuċċali, liebes beritta qisha qasrija mdeffsa f'rasu u xorts tal-kaki jiġih baħar. Kien jismu Bert Axell u kien espert fuq kif toħloq riservi naturali. Meta fl-1980 il-gvern u l-BirdLife bdew jaħdmu biex issir ir-riserva tal-Għadira dan Bert kien ġie Malta biex jgħinna nippjanawha.

Qabel l-Għadira saret post protett kienet issir fiha ħafna kaċċa, u f'nofsha kien hemm dura, dak l-ispeċi ta' ħajt baxx ġej għat-tond li fih jistaħba l-kaċċatur. Meta ġie Bert jara l-post niftakru jieqaf iħares lejn id-dura u qalilna (s'intendi bl-Ingliż) "Dik ma nwaqqgħuhiex għax għad tkun tajba biex ibejjet fiha l-Fras-servjent."

Issa dak iż-żmien il-Fras-servjenti lanqas fil-passa ma konna narawhom spiss, aħseb u ara kemm konna naħsbu li ħa jbejtu! Għalhekk għedt bejni u bejn ruħi "Tajjeb kieku, imma forsi Bert qed joħlom wisq!" Illum għaddew iktar minn 30 sena u Bert m'għadux magħna. Imma l-ħolma tiegħu seħħet għax il-Fras-servjenti qed ibejtu l-Għadira tista' tgħid kull sena, anke maġenb dik l-istess dura!

Ir-raġel bix-xorts wiesa' kellu raġun. Grazzi Bert.



Victor Falzon

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

Jekk għajnejkom ta' seqer forsi ndunajtu li l-logo tal-BirdLife differenti mis-soltu. Hekk hu, l-arma tal-għaqda għażiża tagħna bdilnieha ftit biex tiġi bħal-logo il-ġdid ta' BirdLife International.

BirdLife MALTA

BirdLife MALTA

X'inhi BirdLife International?

**BirdLife International** hija ġabra ta' iktar minn 120 għaqda tan-natura minn madwar id-dinja. Ilkoll jaħdmu biex jitħarsu l-għasafar u l-ambjent naturali. BirdLife Malta hija waħda minnhom.

Issa jekk tridu taraw il-familja kollha ta' BirdLife International morru paġna 12.

## MAL-FAĊĊATA



Desirée Falzon

Il-**Lhudi** (Ornate Wrasse) huwa waħda mill-iktar ħut ikkulurit li għandna f'Malta. Iktar timmaġina li ħuta bħal dik taraha f'xi skoll tal-qroll tropikali. Il-Lhudi huwa komuni ħafna madwar ix-xtut tagħna u jgħix kuntent f'ilma baxx, basta jkun hemm xi blat biex jara jsibx xi granċ x'jittanta.

Jekk tħarsu sew lejn ir-ritratt ta' quddiem taraw ħuta oħra, żgħira ħadra b'tikka sewda. Dak ukoll Lhudi imma għadu tarbija!



## Kontenut


Editorjal 2
Aħbarijiet 3
Ambjenti u Residenti 4-5
Intervista ma' fjura 6
Ħajjithom max-xatt 7
Ġirien 8
Kemm taf? 9
Natura 2000 10-11
BirdLife International 12


## Kumitati

### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Nicholas Galea • Timothy Micallef

## Kordinazzjoni mill-uffiċju

Hannah Chisholm • Sofía García

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u attivitā ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena.

BirdLife MALTA

## Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**1-2 Xemxija Waterfront Apts.**
**Triq is-Simar, Xemxija**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


Reg.Vol.Org. VO/0052

©BirdLife Malta, Awwissu 2015

Disinn u produzzjoni Victor Falzon, Desirée Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

aħbarijiet

Aron Tanti

# Il-familja kompliet tikber...




Il-flieles ta' erba' ġimgħa, ma' ommhom

Fil-ħarġa ta' *Il-Ħuttafa* li għaddiet ġibna ritratt ta' ferħ ta' Fras-servjent qed jiġri fir-riserva tal-Għadira, fejn kien faqqas ftit ġimgħat qabel. Konna għednielkom li dalwaqt jitgħallem itir. U hekk ġara! Dak issa sar jaf itir daqs ommu u missieru, u kważi leħaqhom fid-daqs ukoll.

Sadattant il-Familja Fras kompliet tikber għax Is-Sinjura Fras reġgħet biedet u flimkien ma' żewġha reġgħet qed trabbi tliet flieles ġodda, li faqqsu fit-12 Lulju. Kif taraw mir-ritratti dawn ukoll qed jikbru, u sa ma jaslilkom dal-magażin huma wkoll ħa jkunu tgħallmu jtiru.

B'hekk dis-sena l-Għadira trabbew erba' Fras-servjenti ġodda!

Ray Galea







Il-flieles ta' ġimgħa, ma' missierhom

Ray Galea

Mike Downham



## Ta' munqarha goff

Li kellek tara **Gallina tal-Baħar** (Oystercatcher) tagħrafha żgur minn dak il-munqar goff oranġjo. Jekk iddur xtut tal-Atlantiku madwar l-Ewropa spiss tara gruppi ta' dawn l-għasafar jippassiġġaw qalb il-blat jew fuq ir-ramel. Imma fil-Mediterran ma tantx hi komuni, u f'Malta l-Gallina tal-Baħar tidher biss f'numri żgħar fil-passa. F'dawn l-aħħar ġimgħat, però, dehru koċċ, speċjalment **qatgħa sabiħa ta' 26** li ra seħibna berdwoċer Caldon Mercieca fis-26 Lulju 2015 f'Baħar iċ-Ċagħaq.

Victor Falzon



Victor Falzon

Il-kulur tal-**granċ tax-xatt** tant jaqbel mal-blat li diffiċli tarah jekk ma jiċċaqlaqx. Jibża' min-nies u jistaħba fi xquq żgħar minn fejn joħroġ biex jiekol annimali u pjanti ta' max-xatt.



Diversi budakkri jgħixu f'ħofor żgħar fil-blat taħt wiċċ l-ilma fil-baxxa ħafna, fosthom il-**budakkra tal-għalla**. Biex iżommu mal-blat jużaw il-ġwienaħ (fins) ta' quddiem bħal idejn.



Desirée Falzon

Id-**dudu tas-sajd** huwa kuġin tal-ħanżir l-art u bħalu jiekol fdal ta' pjanti u annimali. B'hekk iżomm ix-xatt nadif. Jiġri ħafna u jistaħba fix-xquq u l-ħofor. Komuni ħafna.



Victor Falzon




L-**Artikla Ħadra** (snakelocks anemone) hija annimal li tgħix imwaħħla mal-blat f'baħar baxx. Taqbad l-priża billi tniggeż annimali żgħar li jmissu mat-tentakli tagħha. L-artikli kuġini tal-bram.



Victor Falzon

L-**algi** huma mqassmin fi tliet gruppi: ħomor, kannella u ħodor. Din il-**Lawrenzja** hija alga ħamra b'weraq imlaħħam biex fih taħżen l-ilma għal kontra n-nixfa. Dan għaliex tgħix f'xifer il-baħar u tinkixef ħafna.

Ambjenti u Residenti

# Xatt bil-blat

Desirée Falzon



Aron Tanti

Jekk tisma' għajta rqiqa *pss-wss-wss-wss-wss* ħares lejn xifer il-blat u taf tara **pispisella** (common sandpiper) għasfur żgħir b'dahru skur, żaqqu bajda u denbu jimmolla 'l fuq u 'l isfel. Il-pispisella tħobb tfittex dud tas-sajd.



Desirée Falzon

Il-**koċċla komuni** (barnacle) tgħix fi gruppi mwaħħlin mal-blat f'xifer l-ilma. L-annimal ikun moħbi fil-parti tan-nofs minn fejn joħorġu bħal xniexel meta jkun mgħotti bil-baħar biex isaffi materjal u plankton mill-ilma.



Victor Falzon

Il-**granċ tal-bebbuxu tax-xatt** huwa granċ żgħir li jgħix ġo qoxra vojta ta' bebbuxu. Mistħi ħafna imma stennieh joħroġ u mill-qoxra tara ħerġin mustaċċi ħomor, salt saqajn ħodor u par għajnejn fuq zkuk irqaq. Il-bqija tal-granċ tibqa' ġewwa.

Xatt bil-blat huwa ħabitat li mal-ewwel daqqa t'għajn jidher bla ħajja. Imma fil-fatt huwa mimli annimali u pjanti speċjalizzati biex jgħixu fih. Fir-ritratt jidher xatt f'**Baħar iċ-Cagħaq**. Meta jitmermer bil-baħar dat-tip ta' blat tal-qawwi jagħmel ħafna ħofor li jimtlew ilma baħar u fihom jgħixu komunitajiet ta' annimali. Fuq il-blat mikxuf hemm annimali u pjanti li adattaw biex jifilħu għas-sħana tas-sajf, il-kesħa tax-xitwa, it-taħbit tal-mewġ u r-raxx mielaħ. Dawn ħlejjaq tassew ħaqqhom rispett għall-fatt li kapaċi jgħixu f'ambjent tant aħrax. Kemm jirnexxilek tara minn dawn il-ħlejjaq meta tmur f'xatt il-baħar?



Desirée Falzon

L-**imħar** (limpets) huma annimali żgħar li bis-saħħa tal-qoxra ċatta u l-ġisem b'saħħtu tagħhom, kapaċi jgħixu mqabbdin mal-blat fejn iħabbat il-mewġ. Jieklu alga li jqaxxru minn mal-ġebel huma u mixjin.



Victor Falzon

Il-fjura tal-Alka ma tantx tagħti fl-għajn

Il-frotta tal-Alka tkun qisha żebbuġa. It-Taljani fil-fatt isejħulha *oliva di mare*.






Jekk għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf u tixtieq tidħol, ftakar li hemm jistenniek **Natura u Kuluri**, ktieb mimli stampi ta' annimali u pjanti Maltin biex tagħtihom kulur. Ħaffef qabel jispiċċaw.



"M'hawn xejn illum!"

# Intervista ma' fjura




Victor Falzon

**Bonġu. Isma', din ir-rokna hija għall-fjuri mhux għall-akla...**
Mela tajjeb, għax jien ukoll pjanta li nagħmel il-fjuri.

**X'inhu?! Mela l-algi jagħmlu l-fjuri? Taħt il-baħar?**
Jien m'iniex alga, ta!

**Mhux alka jismek?**
Intom il-Maltin semmejtuni alka bi żball. Proprja jisimni Posidonja u kif għedtlek jiena *flowering plant*.

**Waww, u l-fjuri kif ikunu?**
Il-fjuri tiegħi ma fihomx petali għax m'għandix bżonn insetti jġorruli l-polin. Il-polin jinfirex waħdu mal-kurrent tal-baħar.

**F'liema żmien tagħmel il-fjuri?**
Kmieni, anke fix-xitwa.

**Frott tagħmel ukoll?**
Iva, ikun qisu żebbuġ.

**X'tgħidli iktar dwarek?**
Jien pjanta importanti ħafna għax nifforma foresti sħaħ f'qiegħ il-baħar. Qalb il-weraq tiegħi jgħixu, jbidu, jieklu u jistkennu ħafna ħut u annimali oħra żgħar. F'ħafna pajjiżi jien speċi protetta, anke f'Malta.

**Prosit, Posidonja! Imma issa ħa jkolli nħallik. Saħħa.**
Saħħa lilek.

# Ħajjithom max-xatt

## L-għasafar tal-plajja



Aron Tanti

Pluverott

Common Redshank



Victor Falzon

Monakella Imperjali

Turnstone



Francesco Tanti

Tertuxa

Little Stint



Victor Falzon

Pispisella Ħamra

Curlew Sandpiper

L-għasafar tal-plajja (bl-Ingliż *waders*) kważi dejjem max-xatt tarahom. F'Malta jidhru iktar minn 45 speċi. Ħafna jkollhom saqajhom u munqarhom twal, biex ikunu jistgħu jimxu fl-ilma baxx ifittxu dud, ħniex u molluski. Hemm minnhom rari u oħrajn komuni. Dawn t'hawnhekk kollha huma regolari u jidhru kull sena f'postijiet bħall-Għadira, Is-Simar u s-Salina.



Aron Tanti

Ċewċewwa

Greenshank



Aron Tanti

Monakella Prima

Ringed Plover

F'paġni oħra ta' din *Il-Ħuttafa* jidhru tliet għasafar oħra tal-plajja. Ara ssibhomx.

Il-Ħuttafa 129 • Awwissu 2015 • p8



Desirée Falzon

# Il-Gremxula

Desirée Falzon

Il-gremxula li tgħix f'pajjiżna hija **endemika** għal Malta (jiġifieri tgħix hawn biss), u għandna erba' razez tagħha: razza fuq Malta, Għawdex u Kemmuna, razza fuq Filfla, razza fuq Selmunett u razza fuq il-Ġebla tal-Ġeneral

Filfla



Tim Micallef

Selmunett



Arnold Sciberras

Ġeneral



Arnold Sciberras

Malta
Għawdex
Kemmuna



Victor Falzon



Il-gremxula hija **rettili**, kuġina tas-sriep u l-fkieren. Għandha l-ġilda bl-iskwami (*scales*) u għandha bżonn ix-xemx biex tisħon u tiċċaqlaq. Filgħodu tixxemmex qabel ma tibda tikkaċċja u fil-kesħa titrekken x'imkien u torqod.

## Kif nista' ngħin lill-gremxul?

- [ ] Jekk għandek ġardina jew bitħa bil-ħamrija, ibni gorbog b'ġebliet żgħar fuq xulxin ħalli l-gremxul ikun jista' jixxemmex fuqhom u jistkenn taħthom.



- [ ] Jekk għandek pet qattus ara tistax iżżommu ġewwa. Qattus wieħed kapaċi joqtol mijiet ta' gremxul fis-sena!



Ir-raġel huwa **territorjali** – jikkapparra roqgħa art, jew ġebla u jagħmel għal irġiel oħra li jersqu lejh. Tagħrfu mill-mara għax huwa ikbar minnha u iktar ikkulurit, il-mara tkun kannella.



Arnold Sciberras

Liema taħseb li hu r-raġel?



Desirée Falzon

Gremxula tilgħaq biċċa tuffieħa

Matul il-ġurnata l-gremxul **jikkaċċja** insetti mill-art u annimali żgħar oħra bħal ħniexer l-art. Jieklu ukoll xi frott jew ħaxix li jsib fl-art. Jekk titfagħlu biċċa tadama jew frotta żgħira malajr tarah ġej għalihom.

# Kemm taf... dwar iż-żgħar tal-annimali?


Ineta McParland

**1. Il-marżebb taż-żrinġ jiekol**

- [ ] **a** Rix tal-għasafar
- [ ] **b** Frak tal-ġebel
- [ ] **ċ** Pjanti u annimali żgħar


Matthew Borg Cardona

**2. Fejn tagħmel il-bejta ċ-ċiefa?**

- [ ] **a** Fi xquq fl-irdum
- [ ] **b** Fil-ventilaturi tad-djar
- [ ] **ċ** Fis-siġar


Denis Cachia

**3. Liema minn dawn mhix vera?**

- [ ] **a** Boton qniefed ikollu 15-il ferħ.
- [ ] **b** Kultant qniefed irġiel jieklu l-frieħ.
- [ ] **ċ** Qanfud jitwieled bix-xewk.


Victor Falzon

**4. Kemm idumu fil-bejta l-flieles tal-Fras-servjent?**

- [ ] **a** Tmint ijiem
- [ ] **b** Xejn
- [ ] **ċ** Ġimagħtejn


Desirée Falzon

**5. Min jieħu ħsieb il-bajd tas-Sultan iċ-Ċawl sakemm dawn ifaqqsu?**

- [ ] **a** Ir-raġel
- [ ] **b** Il-mara
- [ ] **ċ** Ħadd


Victor Falzon

**6. Kemm idum taħt l-art il-ferħ tal-Werżieq ta' Binhar?**

- [ ] **a** Ftit ġranet
- [ ] **b** Sitt xhur
- [ ] **ċ** Diversi snin


Martin Merz

**7. Fir-ritratt jidher ferħ ta' annimal. Ta' liema annimal hu?**

- [ ] **a** Ħuta
- [ ] **b** Mazzarell
- [ ] **ċ** Żrinġ


Victor Falzon

**8. Għaliex fjamingi frieħ ikunu griżi flok roża?**

- [ ] **a** Għax ma jkunux għadhom kielu biżżejjed affarijiet roża.
- [ ] **b** Għax ikunu kollha subien
- [ ] **ċ** Għax il-griż iżommhom friski.


Desirée Falzon

**9. X'annimali ħa jfaqqsu minn din il-borża?**

- [ ] **a** Xgħat tal-friefet
- [ ] **b** Bebbux
- [ ] **ċ** Brimb

## Tweġibiet



**1ċ.** Marżebb (tadpole) jiekol pjanti u anke insetti li jkun hemm fl-ilma ħelu.
**2a.** Biex il-frieħ ma jinteħdux mill-predaturi, iċ-Ċiefa tbid f'toqob fl-irdum.
**3a.** Boton qniefed ikun fih minn 2 sa 4 frieħ.
**4b.** Il-frieħ tal-Fras-servjent iħallu l-bejta u jitilqu jimxu ftit wara li jfaqqsu.
**5a.** Biex jipproteġi l-bajd mill-predaturi, ir-raġel iżommhom f'ħalqu sakemm ifaqqsu.
**6ċ.** Meta tfaqqas, il-larva tal-Werżieq ta' Binhar tħaffer fil-ħamrija fejn tgħix sa 17-il sena.
**7b.** Il-mazzarell mara tbid fl-ilma ħelu u mill-bajd ifaqqsu larvi bla ġwienaħ li jgħixu fl-ilma.
**8a.** Il-Fjamingu jġib il-kulur roża mill-alka u l-gambli li jiekol, u iktar ma jiekol iktar iżidlu l-kulur.
**9ċ.** Il-borża fir-ritratt hija tal-Brimba Kbira tal-Widien u fiha jkun hemm mijiet ta' bajd.



Joe Sultana




Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# L-Irdumijiet max-xatt tal-Lbiċ u n-Nofsinhar

**F'din il-ħarġa mhux se nitkellmu fuq sit wieħed imma fuq numru ta' siti li flimkien ikopru medda kbira mix-xatt tan-nofsinhar ta' Malta u Għawdex.**

## Naħa għoliet, naħa tbaxxiet

Din is-sensiela ta' siti tipproteġi l-irdumijiet ta' mal-kosta kważi f'linja waħda ma taqta' xejn mill-inħawi ta' San Dimitri f'Għawdex sa Bengħisa f'Malta. U naturalment, bil-flora u l-fawna li nsibu fihom.

L-irdumijiet tax-xatt tan-nofsinhar iffurmaw b'ċaqliq [1]tettoniku li seħħ fil-Gżejjer Maltin. Immaġinaw li Malta kienet pjanċa ċatta u orizzontali. Jekk tagħfas il-pjanċa 'l isfel minn naħa, dik in-naħa se titbaxxa u n-naħa l-oħra se togħla. In-naħa tal-'pjanċa' li għoliet iffurmat l-irdumijiet max-xatt tal-lbiċ u n-nofsinhar, u n-naħa li tbaxxiet iffurmat ix-xtut baxxi fit-tramuntana u l-grigal, fejn insibu il-portijiet.

F'dawn l-irdumijiet insibu diversi ambjenti. F'postijiet hemm sisien wieqfin, f'postijiet oħra nsibu t-tafal li jifforma [2]ġeomorfoloġija daqsxejn differenti; f'postijiet insibu rdum inqas wieqaf, bi blat kbir li nqasam minn fuq u tgerbeb għal taħtu, li bl-Ingliż insejħulhom *boulder screes*.

## Endemiċi, rari jew lokalizzati

Kull wieħed minn dawn l-ambjenti jsostni gruppi differenti ta' pjanti u annimali. Fost dawn insibu ħafna speċi ta' pjanti [3]endemiċi, bħall-**bjanka tal-irdum**, il-pjanta nazzjonali **widnet il-baħar,** iż-**żigland t'Għawdex**, is-**sempreviva**

Victor Falzon




Meta Malta ntrefgħet minn qiegħ il-baħar u xirfet minn wiċċ l-ilma, ma telgħetx orizzontali imma mxaqilba! Naħa waħda għoliet u n-naħa l-oħra tbaxxiet u għoddsot fl-ilma. Għalhekk illum għandna ħafna sisien fil-lbiċ, u ħafna xtut baxxi man-naħa tal-grigal.

Joe Sultana





ir-ritratt jidhru s-sisien għoljin
agħrufin bħala **Iċ-Ċnus** u
al-Bardan. Qegħdin fl-inħawi
ax-Xlendi, fil-fatt jidher it-torri
d-daħla tal-Bajja tax-Xlendi.




Katina ta' 10 Siti Natura 2000 – wieħed imiss mal-ieħor – jagħtu protezzjoni kontinwa lill-irdumijiet mill-Ponta ta' San Dimitri f'Għawdex sa Benġħisa, ħdejn Birżebbuġa.

Victor Falzon

**t'Għawdex** u x-**xebb**. Hemm imbagħad speċi oħrajn li għalkemm mhux endemiċi għal Malta, jikbru biss fi ftit pajjiżi oħrajn, pereżempju z-**zunnarija tal-blat** u l-**kubrita nana**, jew speċi li f'Malta jikbru fi ftit postijiet biss, pereżempju l-**għerq sinjur**. Insibu wkoll diversi tipi ta' annimali, fosthom molluski u ħanfus li jinstabu f'Malta biss. Diversi speċi ta' għasafar ukoll jużaw dawn l-irdumijiet, fosthom għasafar tal-baħar bħaċ-**ċiefa**, il-**garnija** u l-**gawwija prima**, u għasafar oħrajn bħall-**merill**, il-**bies** u l-**ispanjulett**.

Is-sisien għoljin u mwarrbin joffru ħabitat tajjeb fejn il-**bies** jista' jbejjet. Li ma kinitx għall-kaċċa illegali, dan l-għasfur tal-ġenn jerġa' jibda jbejjet regolari f'pajjiżna, kif kien jagħmel dari.



Victor Falzon

## Refuġji



Victor Falzon

L-ambjent tal-irdumijiet huwa importanti immens għan-natura, l-iktar minħabba li huma ambjent li ma jintleħaqx faċilment mill-bniedem. B'xorti ħażina l-popolazzjoni kbira ta' nies fil-Gżejjer Maltin, l-iżvilupp u l-attivitajiet tal-bniedem, dejjem ikomplu jagħmluha iktar diffiċli għan-natura biex 'tikkompeti' magħna. Minħabba li fl-irdum ma tantx jasal il-bniedem, dan huwa wieħed minn dawk l-ambjenti li nsejħulhom refuġji, fejn in-natura ssib kenn mill-impatti tal-bniedem. U bis-saħħa t'hekk baqgħu jikbru hemm pjanti li probabbli kienu komuni f'inħawi oħra imma qeridhom il-bniedem jew il-bhejjem tiegħu.

Taħsbux però li b'daqshekk solvejna xi problema. Il-popolazzjonijiet ta' ħafna speċi xorta sejrin għall-agħar, anke f'dawn l-irdumijiet Huwa għalhekk tant importanti li nitgħallmu nnaqsu l-impatt tagħna fuq in-natura, speċjalment f'pajjiż żgħir bħal Malta. Li nitgħallmu napprezzaw il-wirt naturali li għandna huwa forsi l-ewwel pass importanti.

[1]**tettoniku.** Ċaqliq tal-art li spiss jikkawża terrimoti.
[2]**ġeomorfoloġija.** Il-forma li tieħu l-art biċ-ċaqliq u t-theżżiż tettoniku kif ukoll bl-effetti tat-temp, tal-elementi u taż-żmien.
[3]**endemiċi.** Annimali jew pjanti li jinsabu f'post partikolari u mkien iktar fid-dinja.

**L-Għerq Sinjur** huwa pjanta stramba li f'Malta hija rari ħafna. F'Malta jikber biss fuq il-Ġebla tal-Ġeneral (f'Għawdex) u fi ftit inħawi oħra mas-sisien. L-għerq sinjur għandu storja interessanti, għax dari kienu jaħsbu li jfejjaq mard tad-demm (peress li aħmar skur). Tant kien rari u prezzjuż li l-Gran Mastru kien jibagħtu bħala rigal lil rejiet, prinċpijiet u papiet. Jekk bniedem komuni kien jinqabad jaqta' minnu kien jintbagħat jaqdef fuq ix-xwieni!



Andorra · Argentina · Armenia · Australia · Austria · Azerbaijan · Bahamas · Bahrain · Belarus · Belgium · Belize

# Familja kbira

Meta nsemmu l-**BirdLife** is-soltu nifhmu bl-għaqda Maltija għall-ħarsien tal-għasafar. Imma fil-fatt **BirdLife** huwa l-isem ta' ġabra kbira ta' għaqdiet minn madwar id-dinja, fosthom Malta. Dawn l-għaqdiet għandhom ħafna ismijiet u logos differenti, imma kollha jaħdmu għall-ġid tal-għasafar u n-natura. Flimkien dawn jiffurmaw **BirdLife International**.

Bolivia · Botswana · Brazil · Bulgaria · Burkina Faso · Burundi · Cameroon · Canada · Chile · Cook Islands · Croatia

Cuba · Cyprus · Czech Rep. · Denmark · Djibouti · Dominican Rep. · Ecuador · Egypt · El Salvador · Estonia · Ethiopia

Falklands · Faroes · Fiji · Finland · France · French Polynesia · Georgia · Germany · Ghana · Gibraltar · Greece

Hong Kong · Hungary · Iceland · India · Indonesia · Iraq · Ireland · Israel · Italy · Ivory Coast · Japan

Jordan · Kazakhstan · Kenya · Kuwait · Kyrgyzstan · Latvia · Lebanon · Liberia · Liechtenstein · Lithuania · Luxembourg

Macedonia · Madagascar · Malawi · Malaysia · Malta · Mauritius · Mexico · Montenegro · Morocco · Myanmar · Nepal

Netherlands · New Caledonia · New Zealand · Nigeria · Norway · Palau · Palestinian Territory · Panama · Paraguay · Philippines · Poland

Portugal · Puerto Rico · Qatar · Romania · Rwanda · Saudi Arabia · Serbia · Seychelles · Sierra Leone · Singapore · Slovakia

Slovenia · South Africa · Spain · Sri Lanka · Sweden · Switzerland · Syria · Taiwan · Thailand · Tunisia · Turkey

Uganda · Ukraine · United Kingdom · USA · Uruguay · Uzbekistan · Zambia · Zimbabwe

